MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 444/2001/1

***Silvanna Mercieca***

***vs***

***Kenneth Zammit***

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fit-18 ta' Mejju,2001 fejn talbet lil din il-Qorti li:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-23 ta' Mejju 1997 fil-limiti ta' Hal Kirkop waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru AAD 627, b'mod negligenti, mprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mall-vettura Nru  O-7653 proprjeta tal-attrici, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' disa mija u sitta u disghin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm996.66c) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm15.00), u tlett ittri ufficjali datati 12 ta' Jannar 1998, 11 ta' Mejju,1998, 28 ta' Dicembru, 1999 rispettivament kollha debitament notifikati, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament tigi eccepita l-preskrizzjoni tas-sentejn.

*2.* Illi bla pregudizzju ghal dan, it-talba ghal Lm996.66c hsarat u Lm15.00 konsult imorru ohra l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *ratione valoris.*

3. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza huwa ma kienx jahti ghall-accident imsemmi u huwa la kien qed isuq b'mod negligenti, la mprudenti u anqas kiser ebda regolament tat-traffiku kif reklamat mill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili bejn l-istess partijiet fid-19 ta' Frar 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ma tistax ma tiehux inkonsiderazzjoni s-sentenza fuq imsemmija moghtija mill-Prim Awla li tikkoncerna proprju dan l-incident fejn il-Qorti kellha l-opportunita' tivvaluta x-xhieda moghtija mill-partijiet u tasal ghal konkluzzjonijiet taghha. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom il-Prim Awla, aktar u aktar meta  ghandha x-xhieda ta' l-istess konvenut Zammit li jghid illi qabel il-habta huwa gibed lejn il-lemin gol-karreggjata tal-konvenuta. Ghalkemm il-konvenut ighid illi halla wisa bizzejjed minn fejn tghaddi, hu ovvju illi din il-manuvra tal-konvenut, hasdet lill-attrici u b'hekk ikkawzalha emergenza u b'kawza ta' dan, sehh l-incident. Ghalhekk din il-Qorti wkoll tasal ghal din il-konkluzzjoni illi l-kawza prossima ta' dan l-incident ma kienx xi sewqan irregolari da  parti ta' l-attrici illi wara kollox kellha triq dritta quddiemha, izda din il-manuvra tal-konvenut illi qabad u gibed lejn il-lemin b'mod illi holoq emergenza ghall-attrici.

B'nota pprezentata fl-4 ta' Dicembru 2001 fol 18, l-attrici pprezentat il-lista tal-kontijiet kif ukoll ircevuti, minn fejn jirrizulta danni f'total ta' disa mija u sitta u disghin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm996.66c). Ma jidhrux illi dawn id-danni huma kontestati.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi,

Illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-23 ta' Mejju 1997 fil-limiti ta' Hal Kirkop waqt li l-attrici kienet qieghdha ssuq l-vettura O-7653 u l-konvenut kien qed isuq il-vettura AAD 627 u dana minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-Regolamenti tat-Traffiku da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' disa mija u sitta u disghin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm996.66c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici din is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep. Reg.